MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 622/2003

**Avviz numru 622/2003DM**

**Joseph Chetcuti**

**Vs**

John Curmi

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm3100.00 (tlett elf u mitt lira Maltin) dovuti lill-attur bhala bilanc ta' self skond il-ftehim li sar fl-14 t'Ottubru 2002 (Dok PF1), skond liema ftehim il-konvenut kellu jrodd lura lill-attur is-somma mislufa ta' Lm3500.00 (tlett elef u hames mitt lira Maltin) fl-intier taghha sa tlettax –il-xahar mid-data tal-ftehim u dan it-terminu skada fl-ahhar sa' Novembru 2003.

Bl-imghax legali mill-1 ta’ Dicembru 2003 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 12 ta’ Dicembru 2003 kontra l- konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma dehrx biex jikkontesta t-talba attrici.
Ghaldaqstant wara li semghet bil-gurament lill-attur u rat id-dokumenti esibiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill- konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta’ Lm3100 (tlett elef u mitt Lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’effett mit-23 ta’ Dicembru tas-sena 2003; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------